

Il-Kummissjoni Ewropea ħejjiet Kodiċi Ewropew ta' l-Aħjar Prassi li Jiffaċilita l-Aċċess tal-SMEs għall-Appalti Pubbliċi

X'inhom l-kwistjoni?

Fl'2006, is-suq tal-appalti pubbliċi fl-Istati Membri kien jgħodd għal madwar € 1800 biljun, li jammonta għal 16% tal-PGD ta' l-UE. Trid tingħata attenzjoni speċjali lill-kwistjoni ta' l-aċċess għal dawn is-swieq mill-intrapriżi żgħar u medji (SMEs): L-SMEs huma ġeneralment meqjusa s-sinsla ta' l-ekonomija ta' l-UE, u sabiex wieħed ikun jista' jisfrutta kemm jista' jkun il-potenzjal tagħhom għall-ħolqien ta' l-impjiegi, it-tkabbir ekonomiku u l-innovazzjoni, **għandu jiġi ffaċilitat l-aċċess ta' l-SMEs għas-swieq ta' l-appalti pubbliċi.**

Għaliex hija meħtieġa azzjoni fil-livell ta' l-UE?

Il-partijiet interessati kkonsultati waqt it-tnejn ta' dan il-Kodiċi saħqu li **dak li l-aktar huwa meħtieġ sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess ta' l-SMEs għall-appalti pubbliċi mhuwiex bidliet leġiżlattivi** fid-Direttivi ta' l-UE dwar l-Appalti Pubbliċi, **iżda bidla fil-kultura ta' l-akkwist ta' l-awtoritajiet kontraenti** sabiex isiru konxji mill-qagħda speċifika ta' l-SMEs, jużaw aktar il-possibiltajiet varji offruti mid-Direttivi ta' l-UE, u jfasslu l-proċeduri ta' l-għoti tal-kuntratti b'tali mod li l-SMEs jistgħu jikkompetu fuq l-istess livell.

Din hija l-ewwel darba li r-regoli u l-prassi dwar l-appalti pubbliċi rilevanti qed jinġabru f'dokument waħdieni, **li jippermetti lill-Istati Membri u l-awtoritajiet kontraenti japprofittaw mill-esperjenza siewja miksuba fi Stati Membri oħra.**

X'inhom s-sitwazzjoni ekonomika?

Studju li sar fl-2007 f'isem il-Kummissjoni Ewropea jistima li, fl-2005, il-proporzjon tal-valur ta' l-appalti pubbliċi 'il fuq mil-limiti ta' l-UE li ntrebħ mill-SMEs kien ta' 42%, li jikkorrispondi għal 64% tal-kuntratti. Dawn il-figuri ovvjament jikkonċernaw biss il-kuntratti pubbliċi ta' valur għola mil-limiti ffissati mid-Direttivi ta' l-UE u ma jqsux sub-kuntratti ta' kull daqs mogħtija lill-SMEs.

Tqabbil bejn id-dħul min-negozju tal-kumpaniji rispettiv totali ġġenerat mill-SMEs fl-ekonomija ta' l-UE kollha kemm hi (58%) u bejn il-valur tal-appalti pubbliċi 'il fuq mil-limiti ta' l-UE mirbuħa mill-SMEs **bħala kuntratturi ewlenin** (42%) jissuġġerixxi li hemm diġà proporzjon raġonevoli ta' kuntratti mogħtija lill-SMEs, iżda għad hemm lok għal titjib.

X'inhom l-għan u l-kontenut ta' dan il-Kodiċi ta' l-Aħjar Prassi?

Filwaqt li d-dritt ta' l-UE dwar l-appalti pubbliċi jiżgura l-ftuħ tas-swieq għall-operaturi ekonomiċi kollha, hemm xi dispożizzjonijiet li huma partikolarment importanti għall-SMEs, billi jipprovdu soluzzjonijiet għall-problemi li jiffaċċjaw esklussivament jew l-aktar l-SMEs.

Fuq dan l-isfond, l-għan ta' dan id-dokument huwa wieħed doppju: li jipprovdi gwida ġenerali lill-awtoritajiet kontraenti ta' l-Istati Membri dwar **kif jistgħu japplikaw il-qafas ġuridiku ta' l-UE** b'tali mod li jissaħħaħ is-sehem ta' l-SMEs fil-proċeduri ta' l-għoti tal-kuntratti, u **l-enfażi fuq għadd ta' regoli u prassi nazzjonali** li wkoll jiffaċilitaw l-aċċess għall-kuntratti

pubbliċi mill-SMEs. Dawn huma illustrati b'esperjenzi siewja miġbura mill-Istati Membri differenti.

Dan il-Kodiċi ta' l-Aħjar Prassi jitratta soluzzjonijiet għad-diffikultajiet ewlenin li l-SMEs jiltaqgħu magħhom u jirrappurtaw dwarhom, taħt l-intestaturi li ġejjin:

- It-tegħlib ta' diffikultajiet marbuta mad-daqs tal-kuntratti
- L-iżgurar ta' aċċess għal informazzjoni rilevanti
- It-titjib tal-kwalità u l-fehim ta' l-informazzjoni pprovduta
- L-iffissar ta' livelli ta' kwalifiki u rekwiżiti finanzjarji proprzjonati
- It-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi
- It-tqegħid ta' enfażi fuq il-valur għal flus aktar milli fuq il-prezz
- L-għoti ta' biżżejjed żmien biex jitfasslu s-sejħiet għall-offerti
- L-iżgurar li l-ħlasijiet isiru fil-ħin